

Brussell, 30 ta' April 2024  
(OR. en)

9094/24

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2008/0140(CNS)

---

---

ANTIDISCRIM 65  
FREMP 204  
GENDER 75  
JAI 666  
MI 428  
SOC 299

**NOTA**

---

minn: Presidenza

lil: Kunsill

---

Nru. dok. preċ.: 8616/1/24 REV 1

---

Suġġett: Proposta għal DIRETTIVA TAL-KUNSILL dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali  
*- Dibattitu ta' orjentazzjoni*

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż nota ta' gwida mħejjija mill-Presidenza, bil-ħsieb tad-dibattitu ta' orjentazzjoni dwar is-suġġett ta' hawn fuq fil-Kunsill EPSCO tas-7 ta' Mejju 2024.

**Direttiva dwar it-trattament ugwali (Artikolu 19)***Dibattitu ta' orjentazzjoni*

L-Unjoni Ewropea hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-non-diskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel (Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea). F'dan il-kuntest, wieħed mill-għanijiet tal-Unjoni huwa li tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni. L-Artikolu 19 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jagħti s-setgħa lill-Kunsill biex jieħu l-azzjoni xierqa sabiex jiġġieled id-diskriminazzjoni li tkun ibbażata fuq is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew twemmin, id-diżabilità, l-età jew it-tendenzi sesswali<sup>1</sup>.

Il-qafas legali attwali kontra d-diskriminazzjoni fil-livell tal-Unjoni Ewropea huwa frammentat. Dan jipproteġi kontra d-diskriminazzjoni fil-qasam tal-impjiegi għar-raġunijiet kollha msemmija fl-Artikolu 19 TFUE, jiġifieri s-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew twemmin, id-diżabilità, l-età jew it-tendenzi sesswali<sup>2</sup>. Madankollu, barra mill-qasam tal-impjiegi, id-diskriminazzjoni hija pprojbita biss abbażi tas-sess u l-oriġini etnika jew razzjali; ma teżisti l-ebda protezzjoni fil-livell tal-UE kontra d-diskriminazzjoni barra mill-qasam tal-impjiegi abbażi ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età u orjentazzjoni sesswali<sup>3</sup>. Standards minimi msaħħa għall-korpi tal-ugwaljanza dalwaqt ser jikkontribwixxu għal infurzar aħjar tal-qafas legali attwali<sup>4</sup>.

---

<sup>1</sup> Barra minn hekk, l-Artikoli 153 u 157 TFUE jawtorizzaw azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa rigward l-opportunitajiet u t-trattament fis-suq tax-xogħol u speċjalment rigward paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali.

<sup>2</sup> Ara, b'mod partikolari, id-Direttivi tal-Kunsill 79/7/KEE, 2000/43/KE, 2000/78/KE, id-Direttiva 2006/54/KE, id-Direttiva 2019/1158/UE, id-Direttiva 2022/2381/UE, u d-Direttiva 2023/8970/UE.

<sup>3</sup> Ara, b'mod partikolari, id-Direttiva 2000/43/KE u d-Direttiva 2004/113/KE.

<sup>4</sup> Ara d-Direttivi li għandhom jiġu adottati abbażi tal-proposti COM/2022/688 final u COM/2022/689 final.

Fl-Ewrobarometru Speċjali l-aktar reċenti dwar id-diskriminazzjoni, ir-rispondenti rrapportaw diskriminazzjoni mifruxa f'pajjiżhom abbażi ta' reliġjon jew ta' twemmin (42 %), ta' diżabilità (49 %), ta' età (45 %) jew ta' orjentazzjoni sesswali (54 %)⁵. Madwar wieħed minn kull ħames (21 %) rispondenti jirrapportaw li personalment ħassew diskriminazzjoni kontribom jew li esperjenzaw fastidju f'dawn l-aħħar 12-il xahar. Xi eżempji jinkludu diskriminazzjoni kontra persuni ta' bejn 15 u 24 sena fil-kafetteriji, fir-ristoranti, fil-bars jew fin-nightclubs (25 % tar-rispondenti) u meta jattendu skejjet jew universitajiet jew japplikaw għalihom (21 %). Min-naħa l-oħra, persuni rtirati jirrapportaw diskriminazzjoni fil-ħwienet jew fil-banek (18 %) u meta jużaw jew jeħtieġu servizzi tal-kura tas-saħħa (17 %). Dan jikkonferma d-data fir-Rapport tal-2018 dwar id-Drittijiet Fundamentali li turi l-isfidi partikolari li jiffaċċjaw persuni akbar fl-età fir-rigward tat-trattament ugwali⁶.

Skont id-data tal-2019 maħruġa mill-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), id-diskriminazzjoni kontra persuni LGBT, inkluż barra mill-qasam tal-impjiegi, kienet qed tiżdied bejn l-2012 u l-2019 (minn 37 % għal 43 %)⁷.

Madwar 25 % tar-rispondenti Musulmani għall-istħarriġ EU-MIDIS II tal-FRA jgħidu li esperjenzaw diskriminazzjoni fit-12-il xahar preċedenti minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrazzjoni tagħhom, li jinkludi r-reliġjon jew it-twemmin reliġjuż tagħhom⁸. Madwar 21 % tar-rispondenti Lhud fi stħarriġ tal-FRA tal-2017 dwar id-diskriminazzjoni u r-reati ta' mibegħda kontra l-Lhud⁹ jgħidu li esperjenzaw diskriminazzjoni minħabba r-reliġjon jew it-twemmin tagħhom f'qasam wieħed jew aktar tal-ħajja ta' kuljum tagħhom fit-12-il xahar ta' qabel l-istħarriġ. Madwar 43 % tal-persuni b'diżabilità jirrapportaw li qed jiffaċċjaw diffikultajiet biex jużaw servizzi ta' kuljum, bħax-xiri mill-ħwienet tal-merċa, is-servizzi bankarji, is-servizzi postali, il-kura tas-saħħa primarja u t-trasport pubbliku¹⁰.

---

5 Kummissjoni Ewropea, Special Eurobarometer 535: Discrimination in the EU in 2023 (Ewrobarometru Speċjali 535: Id-diskriminazzjoni fl-UE fl-2023) (Diċembru 2023).

6 FRA (2018), [Shifting perceptions: Towards a rights based approach to ageing](#) (Perċezzjonijiet li qed jinbidlu: Lejn approċċ għat-tixjiħ ibbażat fuq id-drittijiet), Lussemburgu, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.

7 [Equality in der EU 20 years from the initial implementation of the equality directives](#) (Ugwaljanza fl-UE 20 sena mill-implimentazzjoni inizjali tad-direttivi dwar l-ugwaljanza), FRA, April 2021; FRA (2020), [EU-LGBTI Survey II – A long way to go for LGBTI equality](#) (Stharrig EU-LGBTI II – Għadna 'l bogħod milli nilhqu l-ugwaljanza għall-persuni LGBTI), Lussemburgu, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, p. 10.

8 FRA (2017), [It-Tieni Stħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni: Il-Musulmani – Sejbiet Magħżula](#), Lussemburgu, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, p. 25.

9 FRA (2018), [Experiences and perceptions of antisemitism – Second survey on discrimination and hate crime against Jews in the EU](#) (L-esperjenzi u l-perċezzjonijiet tal-antisemitiżmu – It-tieni stħarriġ dwar id-diskriminazzjoni u r-reati ta' mibegħda kontra l-Lhud fl-UE), Lussemburgu, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, p. 60.

10 FRA (2017), [From institutions to community living – Part III: Outcomes for persons with disabilities](#) (Mill-istituzzjonijiet għall-għajxien fil-komunità – L-eżiti għall-persuni b'diżabilità), Lussemburgu: Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.

Id-diskriminazzjoni ġiet aggravata minn avvenimenti dinjija reċenti. Fl-2022, l-FRA diġà rrapportat "tkabbir esponenzjali" fil-kontenut antisemitiku online<sup>11</sup>. Il-persuni Musulmani jesperjenzaw ukoll żieda fid-diskriminazzjoni, fl-intimidazzjoni u fil-fastidju<sup>12</sup>.

Id-diskriminazzjoni għandha konsegwenzi għas-soċjetà. Studju tal-2023 mis-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew (EPRS) jistma li l-finalizzazzjoni tal-qafas legali fil-livell tal-UE tiġġenera benefiċċju nett stmat ta' EUR 55 miljun fis-sena f'termini ta' PDG jekk l-azzjoni tal-UE tirriżulta f'titjib ta' 5 % fil-kisba edukattiva u fl-istat tas-saħħa ta' individwi li jiġu diskriminati<sup>13</sup>. Bl-istess mod, studju tal-2018 tal-EPRS dwar il-kost tan-non-Ewropa<sup>14</sup> jistma l-prezz tad-diskriminazzjoni u n-nuqqas ta' inklużjoni ta' persuni b'diżabilità f'termini ta' (i) qligħ mitluf minħabba l-esklużjoni mis-suq tax-xogħol, fil-medda ta' EUR 468-763 miljun; (ii) kostijiet addizzjonali ta' aċċess għall-prodotti u s-servizzi, fil-medda ta' EUR 15-41 biljun fis-sena; (iii) żieda fl-għoli tal-ħajja, ta' bejn EUR 15 u 41 biljun; u (iv) qligħ mitluf minħabba livell edukattiv milħuq aktar baxx, ta' bejn EUR 61-98 miljun. Min-naħa l-oħra, iċ-ċifri juru li, fejn jiġu implimentati, miżuri ta' akkomodazzjoni raġonevoli għandhom it-tendenza li jagħtu l-frott, kemm f'termini ta' produttività tal-impjegati kif ukoll ta' benefiċċji ekonomiċi għall-kumpaniji. Tipi simili ta' kostijiet ġew stmati fil-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposta tal-2008 għal Direttiva dwar it-Trattament Ugwali fir-rigward tad-diskriminazzjoni bbażata fuq l-orjentazzjoni sesswali<sup>15</sup>.

---

<sup>11</sup> [Antisemitism in 2022 - Overview of Antisemitic incidents recorded in the EU \(L-antisemitiżmu fl-2022 - Stampa ġenerali tal-inċidenti antisemitiċi rreġistrati fl-UE\) | Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali \(europa.eu\)](#)

<sup>12</sup> Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "No place for hate" (M'hemm l-ebda post għall-mibegħda), Diċembru 2023.

<sup>13</sup> [Increasing European added value in an age of global challenges, Mapping the cost of non-Europe \(2022-2032\)](#) (Inżidu l-valur miżjud Ewropew f'era ta' sfidi globali, L-immappjar tal-kost tan-non-Ewropa (2022-2032))

<sup>14</sup> [Cost of Non-Europe Report \(Il-Kost tan-Non-Ewropa\) \(2018\).](#)

<sup>15</sup> Dok. 11531/08 ADD 1, p. 34.

L-indirizzar u l-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni huma wkoll investment fil-koeżjoni, il-kompetittività u r-reżiljenza tal-Ewropa f'dinja interkonnessa u li qed tinbidel malajr. Dan jiżgura soċjetà aktar ekwa, iżid il-parteċipazzjoni fil-ħajja ekonomika u soċjali u jnaqqas l-esklużjoni soċjali. Fir-rapport reċenti ta' Enrico Letta intitolat "Much more than a market" (Ħafna aktar minn suq)<sup>16</sup>, ġie osservat li d-diskriminazzjoni persistenti ffaċċata minn gruppi speċifiċi, irrispettivament minn jekk tkunx minħabba ġeneru, diżabilità, etniċità jew fatturi oħra, ixxejjel il-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom fis-Suq Uniku tagħna u ddgħajjed il-wegħda ta' opportunità għal kulħadd. Dan jitlob azzjonijiet immirati, tiġdid tal-finanzjament, u monitoraġġ metikoluż biex jitneħħew l-ostakli sistemiċi. B'mod simili, il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni dwar In-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet ippreżentat fl-20 ta' Marzu 2024 jiddikjara li huwa essenzjali li tiġi appoġġata l-attivazzjoni ta' persuni sottorappreżentati u li tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni fl-edukazzjoni minn età żgħira biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet li jirriskja li jxejjel il-kompetittività tal-Ewropa<sup>17</sup>.

### **Id-Direttiva proposta dwar it-Trattament Ugwali**

Fit-2 ta' Lulju 2008, il-Kummissjoni adottat proposta għal Direttiva tal-Kunsill bl-għan li testendi l-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni abbażi ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali għal oqsma lil hinn mill-impjiegi. Filwaqt li tikkomplementa l-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE f'dan il-qasam, id-Direttiva orizzontali proposta dwar it-trattament ugwali tipprojbixxi d-diskriminazzjoni għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq fl-oqsma li ġejjin: il-protezzjoni soċjali, inkluż is-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa; l-edukazzjoni; u l-aċċess għal prodotti u servizzi, inkluż l-akkomodazzjoni. Il-Parlament Ewropew adotta l-Opinjoni tiegħu fit-2 ta' April 2009<sup>18</sup> skont il-Proċedura ta' Konsultazzjoni. Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona fl-1 ta' Diċembru 2009, il-proposta issa taqa' taħt l-Artikolu 19 TFUE; għaldaqstant hija meħtieġa unanimi fil-Kunsill, wara l-*approvazzjoni* tal-Parlament Ewropew.

Il-Kunsill għadu ma rnexxilux jikseb l-unanimi meħtieġa dwar il-proposta, li ġiet ippreżentata 16-il sena ilu. Matul l-aħħar dibattitu ta' orjentazzjoni li sar f'Ġunju 2023 taħt il-Presidenza Żvediża, il-Ministri esploraw modi kif jista' jiġi indirizzat it-tħassib li fadal relatat maċ-ċertezza legali, is-sussidjarjetà, u l-kostijiet tal-implimentazzjoni.

---

<sup>16</sup> [Enrico Letta Report - Much more than a market \(April 2024\)](#) (Rapport ta' Enrico Letta - Ħafna aktar minn suq (April 2024)).

<sup>17</sup> [Nindirizzaw l-iskarsezza ta' ħaddiema u ta' ħiliet fl-UE - Kummissjoni Ewropea \(europa.eu\)](#)

<sup>18</sup> Ara d-dok. A6-0149/2009. Alice Kuhnke (SE/Il-Ħodor/Alleanza Ħielsa Ewropea) inġatret Rapporteur mill-Parlament attwali.

Il-Presidenza Belġjana wettqet aktar ħidma sostanzjali biex tindirizza t-tħassib pendenti. It-test li jirriżulta jinsab fid-dokument 8616/1/24 REV 1.

Minkejja dawn l-isforzi, għadha ma nkisbitx l-unanimità meħtieġa b'appoġġ għat-test ta' kompromess.

**F'dan il-kuntest, il-Ministri huma mistiedna jindirizzaw il-mistoqsija li ġejja:**

*Billi t-tliet kwistjonijiet pendenti ewlenin imqajma mid-delegazzjonijiet, li kienu jikkonċernaw iċ-ċertezza legali, is-sussidjarjetà u l-kostijiet tal-implimentazzjoni ġew indirizzati fit-test ta' kompromess attwali, liema azzjoni ulterjuri għadha meħtieġa biex il-Kunsill ikun jista' jilħaq approċċ ġenerali dwar id-Direttiva matul il-Presidenza Belġjana, b'kont meħud ukoll taż-żieda fid-diskriminazzjoni għar-raġunijiet u fl-oqsma koperti mid-direttiva proposta?*